# Il-Kappillan Dun Mikiel Balzan



Is-Sur Norman J. Borg

Dun Mikiel Balzan twieled fis-sena 1892 u laħaq saċerdot fl-1916. Fl-1932 kien ġie bħala kappillan fil-parroċċa ta' Ħ'Attard fejn dam għal 25 sena sħaħ, sa Lulju tal-1957 meta laħaq Monsinjur.

Bħala karattru l-Kappillan Balzan, għallinqas kif nafu jien wara li għamilt aktar minn erba' snin u nofs abbati fi żmienu, kien bniedem serju ħafna, iħobb id-dixxiplina, xi ftit rasu iebsa u ta' ftit kliem, tant li ħafna drabi kien jagħti l-impressjoni ta' xi wieħed stramb, għalkemm dan ma kienx il-każ. Kien bniedem li jirrispetta lil kulħadd u jgħin fejn jista lil min ikun fil-bżonn. Mill-banda l-oħra hu kien igawdi rispett kbir mhux biss tal-parruċċani tar-raħal iżda anke ta' ħafna nies ta' ċertu awtorità u ta' pożizzjoni soċjali għolja.

Fost il-parruċċani kien iħobb b'mod speċjali lit-tfal. Minn żmien għal żmien kien jorganizza xi attività għat-tfal li ħafna drabi kienet tiġi fit-tmiem bit-tlugħ ta' xi premjijiet lil dawk preżenti. Dan jien nafu sewwa għaliex sal-ġurnata tal-lum għad għandi bambin imdaqqas rieqed fuq blata li kont irbaħt f'waħda minn dawn l-okkażjonijiet, meta forsi kelli sitt snin.

Il-Kappillan Balzan kien iħobb ħafna l-festi u kien magħruf sewwa għal festi kbar li kien jagħmel f'xi okkażjonijiet, fosthom f'Corpus, fil-Qalb ta' Ġesù, fil-Milied, fis-Sultana u naturalment fil-festa tal-Patruna tar-raħal Santa Marija. Anke fil-festa ta' San Mikiel, il-qaddis li tiegħu kien iġib ismu, kien jagħmel ċelebrazzjoni xi ftit aktar minn normal. Niftakar sewwa li f'dik il-ġurnata fuq l-artal maġġur kien jarma kwadru ta' San Mikiel.

Dawn il-festi li semmejt kienu jiġu ċċelebrati b'sollennità kbira. Il-knisja minn ġewwa kienet tkun armata ħafna, anke bid-damask. Kienu jieħdu sehem fil-funzjonijiet numru ta' qassisin u/jew patrijiet li kien iġib apposta, kif ukoll l-orkestra tas-Surmast Frank Diacono dejjem akkompanjata b'vuċijiet mill-aqwa.

Fost il-festi kbar li kien iħobb jagħmel il-Kappillan Balzan, l-aktar li baqa' jissemma għalihom kienu dawk li saru fil-festa ta' Santa Marija tal-1951. F'dik is-sena kienet ġiet iċċelebrata l-proklamazzjoni tal-Papa Piju XII, li seħħet f'Novembru tas-sena ta' qabel, meta ddefinixxa bħala Domma tal-Fidi l-Assunzjoni tal-Madonna. Il-festi f'dik is-sena, sew dawk ta' ġewwa kif ukoll ta' barra kienu tassew festi kbar. L-aktar li kienet tispikka fil-knisja kienet l-istatwa ta' Santa Marija, li għal dik l-okkażjoni ntramat propju fuq l-artal maġġur taħt pavaljun. Għall- festi ta' barra ta' nhar Santa Marija f'dik is-sena kienu nġiebu xejn anqas minn erba' baned.

Il-festi għal Kappillan Balzan ma kinux jispiċċaw mat-tmiem tal-funzjoni fil-knisja, iżda aktar tard. Dan għaliex huwa kellu d-drawwa li wara l-funzjoni kien jagħmel riċeviment fid-dar tiegħu għal dawk kollha li jkunu ħadu sehem f'dik il-festa partikulari; il-kleru, patrijiet jew qassisin oħra li jkun ġab għall-okkażjoni, tal-orkestra u naturalment l-abbatini. Jien niftakarhom sewwa dawn ir-riċivimenti għaliex aħna l-abbatini x'aktarx li konna nintasbu fil-qrib tal-kamra tal-bieb tal-ġemb, jiġifieri dak ta' Triq il-Mosta (illum tieqa), minn fejn kien jitqassam l-ikel.

Jingħad li l-Kappillan Balzan tant kellu mħabba kbira lejn it-tfal, li meta kien ser jieħu l-pussess xtaq li għaċ-ċeremonja jattendu kemm jista jkun it-tfal. Milli jidher din l-imħabba lejn il-parruċċani żgħar baqgħet sat-tmiem tiegħu fir-raħal bħala kappillan, kif jidher sewwa f'wieħed mir-ritratti li qed nipproduċu ma din il-kitba. Ritratt li ttieħed fuq iz-zuntier mal-parruċċani u b'mod speċjail mat-tfal, dak inhar li nżammet l-akkademja ***ad unur*** tiegħu meta laħaq Monsinjur.

Lilna l-abbatini l-Kappillan Balzan kien iħobbna u jirrispettana ħafna wkoll, tant li minbarra li dejjem konna nattendu għar-riċevimenti, kien iħobb jagħtina wkoll xi rigali, b'mod speċjail fil-Milied u fl-Għid. Għall-Milied kien jagħti lil kull abbati numru (xi sitta) ta' qagħaq tal-għasel ta' qisien differenti b'kejk fuqhom u għadd ta' larinġ, filwaqt li fl-Għid xi figolla sabiħa. Forsi għall-lum il-ġurnata dawn

huma sempliċiment affarijiet żgħar, iżda fil-bidu tas-snin ħamsin żgur li ma kienux daqstant żgħar u komuni.

Barra minn hekk matul is-sena kien jorganizzalna wkoll xi xalata u ġieli anke tnejn. Ġeneralment konna mmorru ġurnata fid-dar tiegħu ta' Wied il-Għajn, iżda niftakar li darba minnhom kienu ħaduna fid-dar ta' Dun Manwel Schembri (li kien għamel żmien iservi fil-parroċċa tagħna) fi Triq San Pawl, f'San Pawl il-Baħar, propju ħdejn l-Għassa tal-Pulizija. Dawn ix-xalati konna nistennewhom bil-ħerqa. Aħna l-abbatini flimkien ma Dun Pawl Pace konna nitilqu minn Ħ'Attard f'xi tmienja ta' filgħodu b'tal-linja lejn il-belt, minn fejn l-ewwel kien jixtrilna l-pastizzi u wara naqbdu x-xarabank lejn Wied il-Għajn. X'ħin konna naslu, għal ħabta ta' xi l-għaxra, konna nsibu lill-kappillan jistenniena. Miegħu kien ikun hemm xi '*helpers*' li jkunu diġà bdew jippreparaw għall-ikla ta' nofsinhar. Jekk ix-xalata tkun fix-xitwa konna noħorġu passiġġata fil-kampanja ma' Dun Pawl, filwaqt li fis-sajf kien joħodna ngħumu. Wara ikla tajba u xi logħob konna nirritornaw lejn Ħ'Attard kmieni fil-għaxija. Għalina l-abbatini din il-ġurnata kienet tkun, fil-veru sens tal-kelma, 'xalata'.

Il-Kappillan Balzan fejn kienu jidħlu l-ismijiet tat-tfal kien xi ftit konservattiv u ma kienx jaċċetta malajr ismijiet li, għal dawk iż-żminijiet, ma kienux daqstant popolari jew aħjar mhux ismijiet tal-qaddisin. U hawn ikolli niġi għall-isem ta' Norman li jien ingħatajt. L-ewwelnett, li fis-snin erbgħin propju wara l-gwerra, fost l-ismijiet kollha jintagħżel 'Norman' naħseb li kienet xi ħaġa mhux għal kollox komuni, iżda milli jidher f'dak iż-żmien dan l-isem, għal ħaġa jew oħra, kien jintuża mhux ħażin. Jien naf kemm il-wieħed li huma qrib tiegħi fl-eta' u jisimhom bħali. Li naf żgur iżda huwa, li skont ommi dan l-isem għażlitu wara li matul il-gwerra kienet tisma regoralment minn fuq ir-Rediffusion lill-kommentatur tal-BBC bl-isem ta' Norman Claridge (jew xi ħaġa hekk).

Ħaġa tal-iskantament hija li meta ġew biex jgħammduni u marru l-knisja fil-ħin miftiehem sabu li l-kappillan ma kienx hemm. Wara xi ħin ta' stennija, jingħad li tfaċċa Dun Pawl Pace u ddeċieda li jgħammidnu hu. Fil-fatt jien kont it-tieni magħmudija tiegħu wara li kien laħaq saċerdot. Meta kienu sejrin bija lura lejn id-dar, il-Kappillan Balzan ħareġ mid-dar tal-familja Debono fi Triq il-Kbira, propju għoxrin pass 'il bogħod mid-dar fejn twelidt, u skuża ruħu li bi żvista kien ħareġ għal kollox minn rasu li kellu l-magħmudija.

Meta kont tifel żgħir ħuti biex jinkuni kienu jkantawli hekk:

*"Norman normandu,*
il-Kappillan nesa jgħammdu
u kellu jgħammdu Dun Pawl........"

Meta tfarfart u kelli ċertu età u allura sirt naf kif kien jaħsibha fuq dawn it-tip ta' ismijiet il-Kappillan Balzan, bdejt naħseb li wisq probabbli mhux kien nesa l-magħmudija tiegħi, iżda x'aktarx li kien evita milli jgħammidni bl-isem ta' Norman. Fil-fatt fiż-żmien kollu li kont għamilt bħala abbati qatt ma naf li l-Kappillan Balzan sejjaħli b'ismi propju, iżda dejjem Normanno. Xi ħaġa li kien jużha anke ma ħija li minflok Edwin kien isejjaħlu Edwino.

Il-Kappillan Balzan, tul il-25 sena tiegħu fil-parroċċa ta' Ħ'Attard, wettaq bosta affarijiet, iżda l-akbar żewġ opri li żgur jibqa mfakkar għalihom huma l-bini taċ-ċimiterju u l-pavimentar tal-knisja kif nafuh illum. L-ewwel kien ħa ħsieb jibni ċ-ċimiterju, hekk imsejjaħ tal-Providenza, li kien sar fuq pjanta tal-perit żagħżugħ Louis Mifsud li kien joqgħod Ħ'Attard. Peress li sa dak iż-żmien id-dfin kien għadu jsir fil-knisja, ix-xogħol fuq il-pavimentar ma setgħax jibda qabel jitlesta ċ-ċimiterju u d-dfin jibda jsir hemm. Iċ-ċimiterju tal-Providenza kien tbierek u beda jintuża fl-1950.

Immedjatament wara li tlesta x-xogħol fuq iċ-ċimiterju nbeda x-xogħol tal-pavimentar tal-knisja. L-ewwel xogħol li sar kien li l-art kollha tal-knisja ngħatat il-konkos, biex filwaqt li l-oqbra ngħalqu darba għal dejjem, saret is-sodda għal irħam. Ix-xogħol tal-konkos kien fdat f'idejn is-saraċin Giużeppi Grima (Il-Bus). Id-disinjatur tal-paviment, li jakkompanja perfettament lis-saqaf tal-knisja, kien il-Kavallier Vinċenzo Bonello u x-xogħol tal-irħam inħadem mid-ditta Spampinato. Jien niftakar fost oħrajn lil xi ħaddiema Taljani jaħdmu fix-xogħol tal-paviment tal-knisja.

Flimkien max-xogħol tal-paviment kienet saret ukoll iz-zokklatura madwar il-knisja kollha, inbidlu l-erba' artali tal-korsija, kif ukoll il-fontijiet tal-ilma mbierek għal dawk li għandna llum, minflok dawk ta' qabilhom li kienu pjuttost żgħar. Aktar tard kien inbidel ukoll l-altar maġġur minn wieħed magħluq qiesu kaxxa għal dak sempliċI iżda ferm sabiħ, b'anġlu fuq kull naħa, li għandna llum. Xi lapidi li kien hemm fil-knisja u nqalgħu qabel ma ngħata l-konkos flimkien ma bċejjeċ oħra ta' rħam, wara ntużaw biex bihom sar il-pavimentar tas-sagristija tan-naħa tal-kampnar, aktar magħrufa bħala s-sagristija l-qadima. Dan ix-xogħol kien sar mill-aħwa Giustu u Pawlu Buhagiar.

Fl-1957 il-Kappillan Balzan kien laħaq Monsinjur u allura dan kien ifisser li ż-żmien tiegħu bħala kappillan tal-parroċċa ta' Ħ'Attard (l-unika waħda għaliħ) kien wasal fi tmiemu. Biex tiġi mfakkra din il-ġrajja u bħala ringrazzjament tax-xogħol siewi li kien wettaq fil-parroċċa matul il-25

*Flimkien ma' numru ta' parruċċani speċjalment mat-tfal*







*Il-Kappillan Balzan flimkien ma' Dun Pawl Pace, rappreżentanti tal-għaqdiet u diversi membri oħra bil-bandalori tagħhom.*



*Il-Kappillan Balzan flimkien maż-żewġ Monsinjuri preżenti u r-rappreżentanti tal-għaqdiet reliġjużi u ċivili*

sena tiegħu bħala kappillan, kien twaqqaf kumitat taħt il-presidenza ta' Dun Pawl Pace, li kien jinkludi lill-kleru u rappreżentanti tal-għaqdiet kollha tar-raħal, sew dawk reliġjużi kif ukoll ċivili.

Dan il-kumitat kien organizza b'suċċess kbir akkademja muzikali fil-knisja ***ad unur*** tal-Kappillan (li allura issa sar Monsinjur) Mikiel Balzan. Fiha l-orkestra ta' Maestro Frank Diacono akkumpanjata minn vuċijiet mill-aqwa, kienet esegwiet bċejjeċ mużikali ta' livell tassew għoli. Kienu nqraw ukoll xi kitbiet li fihom issemmew il-virtujiet tant sbieħ li bihom kien mogħni l-Kappillan Balzan. Barra mir-rappreżentanti tal-għaqdiet kollha tar-raħal, għal din l-okkażjoni kien hemm preżenti wkoll xi dinjitarji tal-Knisja jirrappreżentaw lill-Arċisqof, numru ta' persuni distinti, flimkien ma' folla kbira ta' parruċċani li mlew kull rokna tal-knisja.

Ma' din il-kitba qed nipproduċu tliet ritratti li jikkommemoraw din l-okkażjoni. F'wieħed mir-ritratti jidher il-Kappillan Balzan fuq l-artal maġġur maż-żewġ monsinjuri preżenti, flimkien mar-rappreżentanti tal-għaqdiet reliġjużi u ċivili tal-parroċċa. Fiż-żewġ ritratti l-oħra, meħuda fuq iz-zuntier quddiem il-bieb il-kbir tal-knisja, il-Kappillan Balzan f'wieħed jidher mar-rappreżentanti tal-għaqdiet bil-bandalori rispettivi tagħhom fuq wara u fl-ieħor flimkien ma numru ta' parruċċani b'mod speċjali ma' ħafna tfal. Dawn iż-żewġ ritratti, li qed jidhru b'kortesija tal-ħabib tagħna Pullu Borg, żgur li ser iqanqlu nostalġija kbira (kif fil-fatt għamlu lili) lil dawk is-saraċini kollha li kienu jgħixu f'dak iż-żmien u li llum għadhom magħna. Żgur li kull wieħed u waħda minnhom ser jippruvaw jaraw kemm jirnexxilhom jagħrfu minn dawk li jidhru f'dawn ir-ritratti, speċjalment mit-tfal, li l-parti l-kbira tagħhom illum, wara 53 sena, huma kważi kollha anzjani, filwaqt li mill-oħrajn ftit li xejn huma dawk li għadhom ħajjin.

Il-Kappillan Balzan meta laħaq Monsinjur kien ħalla r-raħal ta' Ħ'Attard wara 25 sena ħidma u mar joqgħod ma' xi qraba f'San Ġiljan. Ftit aktar minn tmien snin wara, propju f'jum il-Milied tal-1965, huwa kien ħalla din id-dinja fl-għomor ta' 73 sena. Hu kien tant baqa' marbut ma' Ħ'Attard li x-xewqa tiegħu kienet li jindifen fiċ-ċimiterju tar-raħal, l-istess ċimiterju li kien imbena bil-ħidma tiegħu madwar 24 sena qabel. Għaldaqstant huwa ġie midfun fil-kappella taċ-ċimiterju hekk imsejjaħ tal-Providenza.

Hija tassew ħasra li minkejja li għaddew kważi 45 sena minn mewtu u f'daż-żmien kollu f'Ħ'Attard infetħu aktar minn 120 triq ġdida u kollha ssemmew għal diversi persuni, pjanti, siġar, għodod eċċ. baqgħet qatt ma ssemmiet triq għal Mons. Mikiel Balzan. Jalla li bis-saħħa ta' din il-kitba jirnexxili nixpruna lill-Kunsill Lokali forsi 'il quddiem għad jagħmel talba sabiex tissemma triq għal dan il-persunaġġ. Wara kollox, fil-ħajja qatt ma hu tard wisq.